SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**Laqgħa Nru. 25/K9/20**

Data tal-laqgħa: 25 ta' Novembru 2020

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius – Kunsillier
Sean Gauci – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (2)**

Patricia Camilleri – Kunsilliera (Inc. 16544/20)
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera (Inc. 16569/20)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Demanuele - Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba.

Is-Sindku wassal il-kondoljanzi lill-Kunsillier John Agius u l-Kunsillier Martin Sultana għat-telfa ta' oħtu u ommhu respettivament u saret minuta silenzju.

**25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

25.1.01 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri u l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli talbu li jiġu skużati għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li jiġu skużati.

**25.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

25.2.01 Is-Segretarju ressaq Minuti 24/K9/2020 għall-approvazzjoni.

25.2.02 Wara diskussjoni qasira, l-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti 24/K9/2020

25.2.03 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ssekondha fl-approvazzjoni tagħhom.

25.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti Imqajjma mill-Minuti**

25.2.05 Il-Kunsillier Guido Dalli ppropona li fir-rigward il-punt 24.08.23, il-parti tat-triq li tinsab bejn Triq Lapsi u Triq il-Kbira għandha tissemma għal-Mons. Guido Calleja Kappillan peress li din tinsab faċċata l-Knisja ta' San Giljan. Mons. Calleja kien beda jibni l-Knisja. Dwar l-istess punt, il-Kunsillier John Agius ippropona li din għandha tissemma għas-Sur Mikiel Caruana li kien joqgħod fil-viċin u kien politiku, membru tal-azzjoni kattolika kif ukoll edittur tal-gazzetta Leħen is-Sewwa. Għalhekk wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimanent li l-Kunsilliera kollha jibagħatu email lis-Segretarju Eżekuttiv bil-preferenza tagħhom.

25.2.06 Il-Kunsillier Martin Sultana talab li jkun jaf x'ġara dwar il-punt 24.3.01 fir-rigward Triq Diodorus Siculus kif ukoll dwar il-punt 24.3.08 fir-rigward il-laqgħa ta' mar-residenti ta' Paceville. Is-Sindku nfurmaħ li dawn ser jagħti aktar informazzjoni fuqhom aktar l'quddiem.

25.2.07 Il-Kunsillier Martin Sultana staqsa dwar il-punt 24.3.12 fir-rigward il-fondi sabiex jinħareġ tender ħabba l-problema tal-ħamiem fejn is-Sindku spjega li dawn il-fondi ngħataw lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u ser jinħareġ tender minnhom fejn il-Kunsilli jkunu jistgħu jużawh ukoll. Dawn il-fondi huma għal problema tal-ħamiem salvaġġ.

## 25.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen

25.3.01 Is-Sindku nforma lill-Membri preżenti dwar il-laqgħa li saret mal-Infrastructure Malta fejn il-Kunsill ġie nfurmat li ser jsir il-ħlas għal-parti mix-xogħolijiet li saru fi Triq Bonavita, ser nirċievu għajnuna biex isiru parti mix-xogħolijiet minn Telgħet Birkirkara kif ukoll Trejqet il-Bajja. Infrastructure Malta kellha fil-programm tagħha ukoll li jsiru x-xogħolijiet fi Triq Hans Stumme u parti minn Telgħet Birkirkara kif ukoll Triq Birkirkara. Il-Kunsill talab ukoll sabiex issir it-Triq Arcisqof Romero flimkien max-xogħolijiet ta' Triq Birkirkara.

25.3.02 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li għal-laqgħa li saret mar-residenti ta' Triq Diodorus Siculus attendew ir-residenti kollha għajr resident wieħed. Il-maġġoranza tar-residenti ffirmaw dikjarazzjoni li mhux ser jagħmlu rampi fit-triq għalhekk il-Kunsill jista' jieħu inkonsiderazzjoni li x-xogħolijiet f'din it-triq isiru wara l-festi tal-Milied. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lir-residenti fejn tinfurmhom b'dan.

25.3.03 Il-Kunsill ġie nfurmat li saret laqgħa bejn xi resident ta' Paceville u l-Pulizija fejn fiha ġew diskussi *issues* ta' sigurta u kif nistgħu ntejbu l-preżenza tal-Pulizija f'din iż-żona.

25.3.04 Saret laqgħa flimkien mal-Uffiċjali responsabli mill-Community Policing fid-distrett ta' San Ġiljan fejn fiha ġew ppreżentati pjanijiet tal-Pulizija sabiex jintoduċu l-iskema tal-Community Policing ġewwa San Ġiljan. Waqt din il-laqgħa ġew identifikati xi postijiet li jistgħu jintużaw bħala post minn fejn jistgħu jopperaw barra mill-Għassa.

25.3.05 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li saret laqgħa mal-ex Ministru tat-Turizmu is-Sinjura Julia Farrugia Portelli fuq Pjazza Spinola.

25.3.06 Il-Kunsill ġie nfurmat li għada ser issir laqgħa min-naħa tal-Awotrita' tat-Turiżmu mas-sajjieda fir-rigward it-tieni parti tax-xogħolijiet f'Xatt is-Sajjieda, mit-taraġ ta' San Ġużepp sa' fejn il-LOVE Monument. L-idea tax-xogħolijiet imsemmija hi li ssir *slip*

*way* waħda u pavimentar ġdid tal-area, filwaqt li titneħħa karma ta' wieħed mis-sajjieda iżda dan ser jingħata karma oħra.

25.3.07 Iċ-Ċermen informa li sar l-iskedar tad-dar ta' Censu Tabone fejn parti minnha ġiet skedata bħala *part 2* filwaqt li parti oħra bħala *part 3*. Dan iffisser li ma jistax issir bini fiha.

25.3.08 Il-Kunsill ġie nfurmat li wara intervent li sar min-naha tal-Prim Ministru, sa' l-aħħar ta' Diċembru ser tkun qed tiffunzjona l-ATM ta' Ta' Ġiorni. Il-bieb ta' din il-kamra ser issir ukoll mill-bank.

25.3.09 Il-Membri preżenti ġew infurmati li wara li ġie ffirmat il-ftehiem tar-Ring Fencing tal-fondi tal-iżvilupp fuq erba' proġetti, dawn issa ġew imwarba u ma jistgħux jintużaw ħlief għal istess proġetti li qed nippjanaw li nagħmlu s-sena d-dieħla.

25.3.10 Is-Sindku ressaq proposta għal proġett ta' tisbiħ fl-area ta' Ta' Ġiorni wara l-farmaċija. Dan il-proġett kellna napplikaw mill-Fondi tal-Iżvillup kif ukoll saret talba informali lill-Ministru Onorevoli Roderick Galdes sabiex jipprovdi l-ħaddiema biex jwettqu dan il-proġett.

25.3.11 Saret diskussjoni dwar pjanti li kienu ppublikati fuq il-mezzi tal-media dwar l-iżvillup tal-pixxina tal-klabb ta' San Ġiljan. Kien hemm qbil unanimu li filwaqt li l-Kunsill jerġa' jtenni l-prinċipju li huwa kien lest permezz tal-fondi tal-iżvillup jgħin finanzjarjament fit-twettiq ta' dan il-proġett, kellna nitolbu laqgħa mad-diriġenti u l-perit tal-klabb sabiex jitħejja Memorandum of Understanding dwar l-ammont li l-Kunsill kien ser jiffinanzja u nagħtu l-opinjoni tagħna dwar id-disinn preżentat.

25.3.12 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li waqt laqgħa li kellu mal-Awtorita' tat-Turiżmu, ġie deċiż li l-Perit David Grech jagħmel BOQ u jagħddija lill-istess Awtorita' sabiex tiġi rranġata l-funtana taż-żwiemel fi Pjazza Qalb ta' Ġesu għal istat oriġinali tagħha.

25.3.13 Il-Membri preżenti ġew infurmati li l-Cleansing Department ta numru ta' bins lill-Kunsill fejn dawn ser jiġu mqassma mal-lokalita.

25.3.14 Is-Sindku nforma lill-Membri preżenti li x-xogħolijiet tal-Balluta huma lesti u issa kemm jitwaħħal l-Bus Shelter tal-Faces.

25.3.15 Iċ-Ċermen informa li x-xogħolijiet fuq l-arkata ta' Triq il-Karmnu huma lesti u l-Kunsillier Guido Dalli ppropona li tintalab stima mingħand l-istess kuntrattur biex tiġi rranġata ukoll il-plakka ta' Triq Sant' Elija.

25.3.16 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-pavimentar ta' Triq il-Karmnu ser jibda fil-5 ta' Jannar 2021.

25.3.17 Il-Membri preżenti ġew infurmati li l-ispiżerija ta' Ta' Ġiorni ser tagħlaq u minflok l-istationery u l-ispiżerija preżenti l-Ministru tas-Saħħa nforma li ser tinfetaħ Community Clinic.

25.3.18 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Membri tal-Kunsill bit-talba tal-impjegati sabiex jmexxu xi ġranet tal-leave għas-sena d-dieħla. Dawn ġew approvati.

**25.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

25.4.01 Il-Kunsillier Martin Sultana nforma lill-Kunsill li fil-lokalita qed jiġu abbandunati diversi karozzi, fejn is-Segretarju Eżekuttiv informa li dwar il-karozzi abbandunati ta' Triq Patrick Brydone, dawn diġa ġew irrapurtati lill-ERA. Il-Kunsillier Martin Sultana ser jagħddi lista ta' fejn jinsabu aktar karozzi abbandunati lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex titieħed l-azzjoni neċessarja.

25.4.02 Il-Kunsill ġie nfurmat li f'April li ġej imiss li ssir l-attivita ta' Ġieħ San Ġiljan u għalhekk ser jibdew jintlaqgħu n-nominazzjonijiet.

25.4.03 Il-Kunsillier Martin Sultana qajjem il-punt fir-rigward il-parkeġġ ħażin tal-*scooters* bil-batterija li qed issir fil-lokalita. Iċ-Ċermen nfurmaħ li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ser terġa tqajjem dan il-punt fid-diskussjonijiet ma' Transport Malta minħabba li din hi problema tal-lokalitajiet kollha u l-Kunsill ma jista jieħu l-ebda azzjoni.

25.4.04 Il-Kunsillier Martin Sultana staqsa dwar il-Bus Shelter ta' Triq ta' Ġiorni. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li Transport Malta qed toġġezzjona fuqu madanakollu ser nerġghu nibagħtulhom.

**25.5 Laqgħa tal-Komunita';**

25.5.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li tintbagħat ċirkulari lir-residenti tal-lokalita sabiex minn hu nteressat li jattendi għal din il-laqgħa jipprovdi ismu u d-dettalji biex b'hekk ikun jista jintbagħat l-invit għal-laqgħa li ser issir online minħabba r-restrizzjonijiet preżenti. Kien hemm qbil li din il-laqgha ssir fl-14 ta' Diċembru 2020.

**25.6 Kumpless Dun Anton Sciberras;**

25.6.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din il-materja tiġi diskussa waqt il-laqgħa li jmiss.

**25.7 Attivitajiet tal-Milied;**

25.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri tal-Kunsill li l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill ser jkun magħluq nhar is-Sibt 26 ta' Diċembru 2020 filwaqt li minħabba r-restrizzjonijet tal-pandemija tal-Covid mhux ser issiru d-drinks ta' wara l-laqgħa ta' Diċembru.

25.7.02 Il-Kunsillier John Agius informa lill-Kunsill li din is-sena minflokk il-Kunsill jiġbor biex jagħti hampers ser jiġbor biex jagħti vouchers lir-residenti li huma fil-bżonn. Għalhek is-Sindku flimkien mal-Kunsillier John Agius ser jitkellmu mal-Kappillan ta' San Ġiljan, tal-Balluta u dak ta' Paceville sabiex jkollna l-lista tal-familji li huma fil-bżonn.

**25.8 Quaterly Report sat-30 ta' Settembru 2020;**

25.8.01 Is-Segretarju ressaq l-Quaterly Financial Report sat-30 ta' Settembru 2020 (Appendiċi 'A').

25.8.02 Il-Kunsill qabel unanimament.

**25.9 Talbiet żgħar;**

**25.9.01 Pjanta dwar Embellishment tal-Parking Area**

25.9.01.01 Din il-materja ġiet diskussa aktar qabel.

**25.9.02 Korrispondenza dwar Vivacity Green Infrastructure (Inc. 15912/20, 1895/20, 15907/20)**

25.9.02.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li irċivejna żewġ kwotazzjonijiet u nistgħu napplikaw għal fondi tal-UIF biex issir dan il-proġett.

**25.9.03 Email dwar St. Julian's Multisits (Inc. 15744/20);**

25.9.03.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li tintalab aktar informazzjoni fejn jixtiequ li jsiru dawn il-multisits.

**25.9.04 Korrispondenza dwar talba għal-tables & chairs quddiem is-San Giuliano (Inc. 15786/20, 15844/20, 16307/20);**

25.9.04.01 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li l-Kunsill ma jaqbilx ma' din il-proposta peress li fl-istess area ser issir proġett mill-Awtorita' tat-Turiżmu.

25.9.04.02 Iċ-Ċermen telaq fis-6.50p.m. u l-laqgħa kompliet titmexxa mill-Viċi-Sindku.

**25.9.05 Email dwar Malta's Gems (Inc. 15888/20);**

25.9.05.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ma nipparteċipawx

**25.9.06 Email dwar Exhibition Proposal (Inc. 16038/20);**

25.9.06.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li jiġi propost li din l-essebizzjoni ssir fis-Sala tal-Kappillan.

**25.9.07 Email dwar parking opposite garage (Inc. 17143/20);**

25.9.07.01 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

**25.9.08 Email dwar pubblikazzjoni ġdida (Inc. 16328/20);**

25.9.08.01 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li l-Kunsill ma jistax jaċċetta li jixtri dawn il-kotba minħabba li m'għandhux librerija.

**25.9.09 Email dwar Ċirk AKL 2020/126 – Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2021 (Inc. 16093/20);**

25.9.09.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din l-email tintbagħat lill-Kunsilliera kollha u dawk li jixtiequ jdaħħlu membri tal-familja għandhom jinfurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv.

**25.9.10 Email dwar unloading bay for Pharmacy Spinola Bay. (Inc. 16414/20);**

25.5.10.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jaċċettax din it-talba.

**25.9.11 Email dwar Ohloq Spirtu tal-milied fil-lokalita' tieghek…minkejja c-cirkostanzi prezenti – proposta interessanti (Inc. 16428/20);**

25.9.11.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill għalissa mhux interessat.

**25.9.12 Email dwar stima tar-railing hdejn il-Crust fi Triq il-Mensija (Inc. 16491/20);**

25.9.12.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li tintalab stima oħra bir-railing aktar sempliċi.

**25.9.13 Email dwar LC Care Application 2020 (Inc. 16502/20);**

25.9.13.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li nhar it-Tlieta, s-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll is-Sindku ser jiffirmaw il-kuntratt.

**25.9.14 Email dwar Milied b' Tal-Linja 2020 (Inc. 16507/20);**

25.9.14.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li ssir din l-attivita filwaqt li jinagħtaw €250 bħala għajnuna biex din l-attivita ssir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill.

**25.9.15 Email dwar applikazzjoni għall-unloding bay (Inc. 16515/20);**

25.9.15.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill jerġa ma jaċċettax din it-talba minħabba li fl-area diġa hemm un/loading bay.

**25.9.16 Email b'talba għal-laqgħa mas-Sajjieda ta' San Giljan (Inc. 16519/20);**

25.9.16.01 Din il-materja ġiet diskussa aktar kmieni.

**25.9.17 Email mill-Awtorita tat-Turizmu dwar is-Summer Breaktime (Inc. 16505/20);**

25.9.17.01 Ġie deċiż unanimament li l-lista tat-toroq tibqa l-istess.

**25.9.18 Korrispondenza mingħand is-Sinjura Christine Dalli b'talba għal-għajnuna (Inc. 16582/20 & Inc. 16583/20);**

25.9.18.01 Il-Kunsill ser jikkunsidra dawn iż-żewġ talbiet u l-Viċi Sindku kellu jiċċekja magħha biex jippontifika din it-talba.

**25.10 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

25.10.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5251 sa 5270. (Ara Appendiċi 'B')

25.10.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**25.11 Skeda tal-Pagamenti**

25.11.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'Ċ')

25.11.02 Il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

25.11.03 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ssekonda fl-approvazzjoni.

**25.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

25.12.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar it-Tlieta 15 ta' Diċembru 2020.

25.12.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30p.m.

**IFFIRMATI,**

**Dott. Albert Buttigieg**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 15 ta' Diċembru 2020